MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 48/2023 LM

**Brian Buttigieg (K.I. nru. 102677M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Crane Currency Malta Limited (C 78450)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Brian Buttigieg (K.I. nru. 102677M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-14 ta' April, 2023, li ħassu aggravat wara li t-Tribunal Industrijali ċaħad it-talbiet kollha tiegħu fil-

konfront tas-soċjetà appellata **Crane Currency Malta Limited (C78450)**,[hawnhekk 'is-soċjetà appellata'].

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie impjegat mas-soċjetà intimata bħala *pre-press operator* fis-16 ta' Ottubru, 2017 fuq bażi *full-time.* Qal li minn dan l-impjieg huwa kellu dħul gross ta' €39,706.42 fis-sena. Spjega li permezz ta' ittra datata l-11 ta' Ġunju, 2021 huwa ġie akkużat li deliberatament wettaq ħsara fuq proprjetà tas-soċjetà intimata, u b'din il-ħsara huwa tefa' dubju fuq il-ħidma mwettqa minn ħaddiema oħra fl-istess grupp tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Qal li huwa kkontestati dawn l-akkużi waqt il-proċeduri dixxiplinarji li saru fl-14 ta' Ġunju, 2021, u fis-seduti ta' qabel. Ir-rikorrent qal li fid-9 ta' Ġunju, 2021 huwa kien tkellem mal-*manager* tiegħu Derman Galea, sabiex jitolbu l-opinjoni tiegħu dwar apparat magħruf bħala *wiper 2,* għaliex huwa kien indeċiż jekk din il-*wiper* setgħetx tintuża jew le. Kompla jgħid li wara li Derman Galea spezzjona l-istess apparat, huwa kkonkluda li l-*wiper* ma kelliex tintuża, u għalhekk ir-rikorrent issuġġerixxa li l-*wiper* ma tiġix użata u titħalla fi stat *tale quale.* Galea ssuġġerixxa wkoll li l-ħaddiem li kien ipprepara din il-*wiper* kellu jiġi mitkellem, iżda sadanittant ittieħdet id-deċiżjoni li din il-*wiper* ma kelliex tintuża. In vista ta' dan, ir-rikorrent bagħat *email* lill-kollegi tiegħu sabiex din il-*wiper* ma tintużax, u sabiex ma jsiru l-ebda arranġamenti fuqha. Ir-rikorrent spjega li fl-10 ta' Ġunju, 2021, Derman Galea għamel spezzjoni fuq il-w*iper 2* bl-intenzjoni li jindirizza l-problema mal-ħaddiem li kien ħadem fuq din il-*wiper* l-aħħar, u wara

li uża l-għodda neċessarja, ikkonkluda li l-*wiper* kienet f'kundizzjoni aċċettabbli sabiex tkun tista' tintuża. Ir-rikorrent qal li huwa kien konxju mid-deċiżjoni preċedenti ta' Dermen Galea fis-sens li din il-*wiper* ma kelliex tintuża, u sabiex ma jkunx hemm problemi fil-futur reġa' ċċekkja l-*wiper* huwa stess u sab li din il-*wiper* ma kinitx f'kundizzjoni li tintuża, u għalhekk bagħat *email* lill-kollegi tiegħu sabiex din il-*wiper* ma tintużax. Qal li wara din l-*email* tiegħu, Dermen Galea għamel spezzjoni oħra fuq din il-*wiper* fil-11 ta' Ġunju, 2021, u reġa' kejjilha bl-istess strumenti li kien uża fil-ġurnata ta' qabel, iżda din id-darba Galea sab li kien hemm diskrepanza konsiderevoli bejn il-qisien li kien kejjel fil-ġurnata ta' qabel u dawk li sab fil-11 ta' Ġunju, 2021. Madankollu, Galea qatt ma speċifikax x'kienu l-ammonti tad-diskrepanza fuq l-imsemmija *wiper* u ma ressaq l-ebda evidenza li turi li dawn l-ammonti kienu sostanzjali b'tali mod li dan l-apparat ma setax jintuża.

3. Ir-rikorrent qal li fil-11 ta' Ġunju, 2021, Galea staqsieh jekk ħalliex ir-*roller room* mingħajr ebda superviżjoni, u huwa wieġeb fin-negattiv, iżda hawnhekk Galea allega li kienet saret ħsara volontarja fuq il-*wiper.* Qal li fl-14 ta' Ġunju, 2021 huwa tressaq quddiem bord tad-dixxiplina, fejn huwa nsista li ma kien wettaq l-ebda ħsara fuq il-*wiper,* u meta għamel il-verifiki neċessarji huwa ma kien sab l-ebda diskrepanza. Qal ukoll li s-*shift print manager* li kien xogħol dak il-ħin, qabel miegħu li dak l-apparat ma setax jintuża għall-produzzjoni u li r-*roller room* fl-ebda waqt ma tħalliet mingħajr superviżjoni. Qal li permezz ta' ittra tat-22 ta' Ġunju, 2021 is-soċjetà intimata allegat li fil-mument meta r-rikorrent kien qiegħed jispezzjona l-apparat magħruf bħala *wiper 2,* huwa għamel ħsara fuq l-imsemmi apparat billi uża forza żejda fuqu, u f'din l-ittra r-

rikorrent ġie infurmat ukoll li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent qal li din mhijiex verżjoni korretta tal-fatti kif ġraw, u huwa fl-ebda mument ma uża forza eċċessiva biex ikejjel l-apparat in kwistjoni sabiex jiddetermina jekk kienx f'qagħda li jagħmel użu minnu għall-produzzjoni. Kompla jgħid li mhuwiex minnu li huwa għamel intervent fuq l-apparat, għaliex kien hemm diversi individwi li kienu jiffurmaw parti mill-*morning shift* li għamlu użu minn din il-*wiper,* u li ppreparaw l-istess sabiex t
intbagħat għall-*printing.* Kompla jgħid li anki Dermen Galea għamel diversi spezzjonijiet fuq dan l-apparat fid-9, fl-10 u fil-11 ta' Ġunju, 2021.

4. Ir-rikorrent qal li meta wieħed janalizza l-fatti kif ġraw, wieħed jirrealizza li huwa ried biss jaċċerta ruħhu li x-xogħol li joħroġ ikun tal-kwalità pattwita u ta' *standards* aċċettabbli, fl-aħjar interessi tal-kumpannija, imma dan l-aġir wasslu biex kellu jiffaċċja proċeduri ta' dixxiplina intortament u eventwalment wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. In vista tal-fatti kif esposti minnu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata kienet waħda inġusta, u talab lit-Tribunal jagħti l-provvedimenti opportuni f'dan ir-rigward *ai termini* tal-artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż li r-rikorrent jiġi reintegrat f'xogħlu u jitħallas kumpens ġust.

5. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-allegazzjoni li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet inġusta u invalida fil-liġi, hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Spjegat li hija għandha l-faċilità li tistampa karti tal-flus f'Malta, u r-rikorrent kien impjegat magħha bħala *pre-press operator,* fejn ix-xogħol tiegħu kien jikkonsisti fil-produzzjoni ta' *wiping rollers* ta' preċiżjoni kbira, u *rollers* oħra miksija bil-

plastik, li huma meħtieġa għall-istampar relatat mal-magni *Litho, Intalio* u *Letterpress.* Qalet li r-rikorrent kellu r-responsabbilità li jassigura li l-prioritajiet fil-produzzjoni tal-*wipers* jiġu mħarsa skont *pre-planned production programme,* u fir-rwol tiegħu r-rikorrent kien responsabbli wkoll mis-sigurtà tiegħu u tal-kollegi tiegħu, mill-immaniġġjar sigur tal-kimiki u mill-manutenzjoni tal-makkinarju. Is-soċjetà intimata qalet li l-magni li jintużaw fil-faċilità tagħha huma teknikament avvanzati u jaħdmu bi preċiżjoni kbira. Qalet ukoll li fid-9 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrent esprima dubju mas-*section manager* tiegħu, Dermen Galea, dwar l-użu ta' komponent/apparat partikolari li jintrama fil-magna magħrufa bħala *wiper 2*. Spjegat li Dermen Galea ta direzzjoni li dan l-apparat ma kellux jintuża waqt dak ix-xift. L-għada, fl-10 ta' Ġunju, 2021, Dermen Galea għamel spezzjoni aktar bir-reqqa tal-istess *wiper,* fejn irriżulta li minkejja li viżwalment dan l-apparat ma deherx operabbli, kien fil-fatt fi stat li seta' jintuża għall-finijiet ta' produzzjoni, u għalhekk Galea ta struzzjoni biex l-imsemmija *wiper 2* ikun jista' jintuża għall-produzzjoni. Is-soċjetà intimata qalet li minkejja dan, ir-rikorrent bagħat *email* lill-kollegi tiegħu fejn ikkontradixxa d-deċiżjoni tas-superjur tiegħu, u insista li dan l-apparat ma kellux jintuża. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li fil-11 ta' Ġunju, 2021, Dermen Galea għamel spezzjoni oħra fuq il-*wiper 2,* wara li ra l-*email* tar-rikorrent, u hawnhekk sab li kien hemm diskrepanzi sostanzjali meta qabbel ir-riżultanzi ma' dawk tal-ispezzjoni li saret fil-ġurnata ta' qabel, minkejja li fiż-żewġ spezzjonijiet huwa kien għamel użu mill-istess għodda.

6. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li bejn il-ħinijiet li fihom saru dawn iż-żewġ spezzjonijiet, l-apparat ma kienx qiegħed jintuża, u għalhekk ma kien

hemm xejn x'jispjega din id-diskrepanza. Qalet li kien għalhekk li Dermen Galea beda jindaga dwar jekk setax kien hemm xi tip ta' ħsara volontarja, u staqsa lir-rikorrent jekk kienx ħalla r-*roller room* miftuħa u mingħajr superviżjoni. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent ċaħad li kien ħalla r-*roller room* mingħajr superviżjoni, u innega wkoll li kien ikkaġuna xi ħsara fuq din il-*wiper* volontarjament, iżda qal li fil-perijodu bejn l-ispezzjonijiet huwa kien mar jiċċekkja l-*wiper* u kien uża ftit pressjoni fuqha. Is-soċjetà intimata qalet li fil-11 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrent intalab jattendi għal proċeduri dixxiplinarji sabiex iwieġeb għall-akkuża li huwa kien deliberatament ikkawża ħsara fuq il-proprjetà tas-soċjetà intimata, u pprova jallega li dan sar minn wieħed mill-kollegi tiegħu. Is-soċjetà intimata qalet li waqt il-proċeduri dixxiplinarji li saru fl-14 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrent reġa' nnega kwalunkwe responsabbilità għall-ħsara, u pprova jagħti l-impressjoni li l-*wiper* kienet dejjem inutilizzabbli, u dan kien ikkonfermat mis-superjur tiegħu stess l-ewwel darba li dan iċċekkja l-*wiper.* Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk ir-rikorrent ipprova jixħet dawl ikrah fuq id-diskrezzjoni li uża Galea meta fit-tieni spezzjoni tiegħu dan iddeċieda li l-*wiper* kienet aċċettabbli u setgħet tintuża. Qalet li wara li ġie vverifikat is-CCTV *footage* relattiv, fuq talba tal-istess rikorrent, irriżulta li bejn iż-żewġ spezzjonijiet tal-10 u tal-11 ta' Ġunju, ir-rikorrent kien qiegħed intenzjonalment juża forza eċċessiva fuq l-apparat magħruf bħala *wiper 2.* Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent talab li l-proċeduri ta' dixxiplina jiġu sospiżi, u din it-talba ġiet aċċettata minnha, iżda waqt laqgħa sussegwenti li saret fit-18 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrent ammetta l-allegazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, talab apoloġija, u qal li huwa kien ikkaġuna din il-ħsara għaliex kien irrabjat mal-kumpannija u ma' Dermen Galea b'mod partikolari. Is-soċjetà intimata qalet li

min-naħa tagħha, wara li qieset il-fatti u l-ammissjoni tar-rikorrent, iddeċidiet li kien hemm raġunijiet validi fil-liġi sabiex tittermina l-impjieg tiegħu, u din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lir-rikorrent fit-22 ta' Ġunju, 2021. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tagħha, liema appell instema' waqt laqgħa li saret fl-24 ta' Ġunju, 2021, u waqt din il-laqgħa r-rikorrent reġa' bidel il-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw. Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-allegazzjoni tar-rikorrent fejn qal li huwa qatt ma uża forza eċċessiva fuq l-apparat in kwistjoni, hija totalment infondata, u dan kif ippruvat waqt il-proċeduri dixxiplinarji, u qalet li r-raġunijiet li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent huma ta' natura gravi u serji, u jirrendu l-kontinwità tal-impjieg tar-rikorrent magħha impossibbli.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' April, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet waħda ġusta, u għalhekk ċaħad it-talbiet kollha tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"PROVI (Sintesi)***
>
> *F'dawn il-proċeduri xehdu: Brian Buttigieg (ir-Rikorrent), Dermen Galea, Raymond Zammit, John Scott, u Mariella Marinkovic.*
> *Brian Buttigieg: Ir-rikorrent (Pre-Press Operator): (12/11/21), Fuq mistoqsija tal-Avv. Karl Briffa, ir-rikorrent qal li l-wiper* "tiċċekkjaha qabel tkun ser taqtgħu għax inutli taqtgħu u toħorġu jekk ikun maqlugħ" *... kompla jgħid li ...* "Dermen Grech, il-maniġer iċċekkjah u qallu li mhux tajjeb". *Kompla jgħid li kienu flimkien fil-kamra u dan fid-9 ta' Ġunju, l-Avv. Karl Briffa staqsa:* "Fid-dok. A, inti qed tgħid li hemm problema b'wiper 2, fid-dok. B, il-maniġer tiegħek qiegħed jgħid grazzi talli ġbidtilna l-attenzjoni, però, wara li għamilt il-verifiki, jirriżulta li huwa tajjeb li erġajt poġġejtu

lura fil-produzzjoni*,* fid-Dok. Ċ, qed tgħid "jien ma naqbilx miegħek lill-maniġer, u inti qed tgħid li inti daħħaltu lura – "do not touch wiper 2, dik is-sekwenza qed taqbel magħha?" *Ir-rikorrent wieġeb,* "Mhmm, iva. Ir-rikorrent qal li tkellem max-xift maniġer Joseph Farrugia u dan qallu li l-wiper 2 'mhux tajjeb' u 'ħallejnieh hemm fil-ġenb, ġor-roller room. Ir-rikorrent qal li dik kienet deċiżjoni li ħa hu ... għax aħna suppost jekk naraw xogħol ħażin barra indaħħluh."

*Seduta: 4/11/22, l-Avv. Abigail Critien tagħmel bosta mistoqsijiet lir-rikorrent – meta mitlub jgħid u jispjega x'shift kien, ma' min kien, xi tkellem? Ir-rikorrent, Brian Buttigieg, wieġeb hekk,* "Jiena dħalt morning shift nara x'hemm xogħol, qbadt il-wiper 2, jekk mhux sejjer żball u tellajtu fuq it-torn għax kien ikkaverjat biex taqtgħu u toħorġu għall-production. Kif tellajtu fuq it-torn u ċċekkjajt is-sides, għax parti mill-proċess kien li tiċċekkjah by side, indunajt li n-naħa tax-xellug, il-middle layer, minn mal-base, kien maqlugħ u anke mat-top kien maqlugħ u kien hemm l-ispazju. Peress li daqqa hekk, stennejt lil Dermen jidħol fis-sebgħa ħalli jarah u niddeċiedu flimkien jekk hux tajjeb jew le. Daħal Dermen, ġie ħdejja, u ċċekkjah, għamilli hekk, ħares lejh jiġifieri u qalli "niżżlu", jiġifieri niżżlu, neħħilu l-layers u erġa' ibnilu l-middle layer, imbagħad, in the meantime, qabad il-famuża sikkina u ċċekkjah ukoll ... daħħalha u qalli "le, irid jerġa' jinbena, dort fuqu jien u għidtlu: jien, l-opinjoni tiegħu li niżżluh minn fuq it-torn, niktbulu 'do not touch' u urih operator li għamel il-covering biex inti tgħidlu 'isma', dan darb'oħra ma niksuhx hekk bit-top layer', qabel miegħi, niżżiltu, ktibtlu 'do not touch' u bgħatt email ta' x'kien ġara bejni u bejn Dermen dakinhar ... Din l-email bgħattha lit-team tar-roller room u lil Dermen ... L-għada dħalt xogħol bil-lejl, ħadt handover ... u rajt dan il-famuż wiper 2, ittawwaltlu u rajtu li għadu kif kien meta jien u Dermen tkellimna u qalli li hu ħażin. Qbadtu, daħħaltu ġewwa ... biex l-għada xi ħin lil Dermen ktibtlu 'do not touch', erġajt iċċekkjajtu ... bis-sikkina u ktibtlu 'do not touch', biex meta jiġi Dermen jispjega li kif l-ewwel qalli li dan mhux tajjeb saħansitra biex inneħħilu l-layers u niksih u hu kien iddeċieda li jippolixjah u joħorġu għall-production. Jien daħħaltu, ktibtlu "do not touch" u bgħatt email li jien daħħalt il-wiper, erġajt bgħatt email lill-management u kif din id-deċiżjoni nbidlet u hekk jiġifieri, bgħatt email biex inkun naf għaliex kien hemm deċiżjoni differenti meta dan lili ġurnata qabel qalli li mhux tajjeb għall-production, u komplejt naħdem mal-lejl. L-għada kont rest, irċevejt telefonata, messaġġ għandikun telefonata mingħand Dermen biex immur għax-xogħol għax ried ikellimni fuq xi ħaġa żgħira ... mort ix-xogħol u nsib lil Mariella u lilu b'ittra u qalli li ħa jibdew il-proċeduri għax jien bagħbast il-wiper".

*Dwar il-kamera x-xhud qal li jaf li kien hemm il-kamera għax "*kont ili fil-Crane meta kienet għadha qed tinbena, jiġifieri jien kont parti mir-roller room meta waħħlu l-

cameras ...”. *Ir-rikorrent xehed ukoll kompla jgħid ...* “tani ċ-charge, rajnieh qalli “għax int, you tampered with the wiper, insomma jien għidtlu “le, jiena qatt m’għamilt hekk”, għidtlu “jien għamilt l-istess proċedura li nagħmel dejjem.” Qalli “żgur? ... imbagħad kien qalli rridx lil xi ħadd tal-Union u kien ġie Alex u imbagħad morna u reġgħu għajtulna darb’oħra, imbagħad meta intwera l-video, Alex kien is-shop steward u ma riedx qisu dan u daħal David bħala segretarju u bdejna l-proċeduri. Jien kont sospendut mix-xogħol, jiġifieri sospendut, ħaduli l-card. Fl-appell kien hemm John Scott, Ray Zammit u Mariella ... jiena qatt m’ammettejt mal-kumpannija ... tant hu hekk li komplejt bil-proċess biex nara x’ġara eżatt u għaliex imkeċċi”.

*Fuq mistoqsija tal-Avv. Abigail Critien dwar il-fatt li David qal li r-rikorrent kien maħruq, ix-xhud wieġeb li* “jien qatt ma kont maħruq, jien just ridt clarification għaliex il-wiper, l-ewwel qalli li kien ħażin, imbgħad l-għada ġie tajjeb u ħareġ fuq il-production ... ridt inkun naf għaliex inbidlet id-deċiżjoni” *... ir-rikorrent xehed li d-deċiżjoni tal-appell kienet* “li niġi mkeċċi”.

*Dermen Galea (Print Technical Support), ix-xhud qal ...* “jiena meta kont ħriġt bl-istandards fis-26 t’April u ‘tajthom perijodu biex huma jiġu familjari ma’ dawn l-istandards għalkemm huma diġà kienu jafu xogħolhom tajjeb*”. (Dan id-dokument huwa esebit f’Dok. BB wieħed. Xhud xehed ukoll li talab lil Melanie,* “ejja inti ħa tiġġudika l-wiper kif rajtu jien*” ... Melanie qaltlu,* “jien għalija l-wiper m’għandu xejn ħażin, imma jidher visually il-qasma dak il-layers bejn il-base u l-middle.” *Għidtilha* “prosit, wasalt waħdek”, *qaltli* “il-bqija ma’ dawn l-istandards all right”. *Meta ġie ċċekkjat* “il-qasma kienet waħda fonda ... ġibna r-riga u bdejna niċċekkjaw. X’ħin bdejna niċċekkjawh, billi l-qasma kienet dawra kollha, bdejna niċċekkjaw id-dawra anke qabżet il-1.5 centimetres; u jiena dak il-ħin iġġammjajt. Għidtilha, “Melanie, jiena dawn naf x’iċċekkjajt il-bieraħ, ma kinux hawn”, qaltli “imma inti ċert?”, għidtilha “ċert fuq li ċert, ejja ħa niċċekkjaw in-naħa l-oħra” .. u bdejna niċċekkjawh, imma ġara l-istess parti fejn sibna n-naħa li r-riga baqgħet dieħla, l-istess ġara n-naħa l-oħra fejn daħlet kważi 2 centimetres. Għidtilha, “Melanie issa aktar u aktar ċert illi dawn ma kinux hawnhekk, jiena naf x’iċċekkjajt il-bieraħ, jien għandi r-ritratti u bgħatt l-email tal-wiper, kien tajjeb, dan xi ħaġa ġralu.” ... ix-xhud imbagħad kellem lis-superjuri ta’ “Mariella l-HR, u għarraftha dak kollu li kien ġara. Minn hemmhekk imbagħad li hemm bżonn ninvestigawha, jien għarraft lis-superjur tiegħi ukoll li ġara hekk ... u qalli “all right, mexxi”. Ix-xhud kompla jgħid waqt din ix-xhieda semma li “Brian akkużani li jien qed niddiskriminah” ... Flimkien mas-Shop Steward, inżilna naraw il-cameras ... flimkien, kollha kemm aħna biċ-Chairman b’kollox fil-kamra fejn jaraw il-videos is-Security ... sibna li fl-10 ta’ Ġunju, meta Brian kien night shift, rajna lil Brian imur u dieħel għax-xogħol, dieħel bil-wiper, mill-production qed jerġa’

jdaħħlu fir-roller room u tefgħu fin-nofs, kixfu, iċċekkjah visually, rajnih jaqbad sikkina, imur f'kull ġenb u għalina – jien għalija hekk ħadtha – li dan qed ikissru ... dan viżwalment. Kien hemm Brian, ix-Shop Steward, kien hemm iċ-Chairman, kien hemm jiena, kien hemm l-HR Mariella" *... ix-xhud kompla jgħid li,* "ir-reazzjoni tax-Shop Steward kienet li rtira lura, qalilna, "ħa nkellem waħdi lil Brian", u ftit wara qalilna "jiena dawn l-affarijiet mhumiex ta' idejja, ħa neskala l-affarijiet lil David Darmanin. *Waqt il-'hearing' u fuq mistoqsija tal-Avv. Karl Briffa, x'ammetta?* Ix-xhud wieġeb li 'bagħbas il-wiper għax kien irrabjat*" ... Ix-xhud qal,* "Meta tara l-footage, jiena hemmhekk għalija bagħbas il-wiper."

*Raymond Zammit (Technical Manager):* "On the 18$^{th}$ of June, sar it-tieni meeting fejn David Darmanin attenda l-meeting. Kien hemm jiena, Mariella, Dermen, David, Brian u Alex. After some discussion, similar to the first meeting held ... David said that he does not need to see footage and that yes. Brian used excessive force with wiper as he was angry. Il-kelma li intużat hija, "maħruq", għax kien maħruq with Dermen".

*John Scott (Lead of Crane Currency, Malta):* "... I've been in the industry 56 years, all around the world, I've trained people in the roller rooms in the Philippines, Hong Kong, whatever, and all the process, and all the equipment that those wiping rollers are used on. I'm probably seen as the world's expert if anyone wants to contradict that's up to them. The severity of those machines being down, every time we lose an hour on one of those presses we lose quarter of a million bank notes, as simple as that, we lose a quarter of a million bank notes on a process, the key process, the actions that I viewed – because "I've seen the video – were deliberate. I was shocked." *Aktar tard fix-xhieda tiegħu, is-Sur John Scott fuq mistoqsija tal-Avv. Karl Briffa,* "Is there anything else you'd like to add in the context of why we're here effectively?", *ix-xhud wieġeb hekk,* "Not at all. I mean the severity of it, the impact of it, the potential cost to the business of it is major. But, I think, the most disappointing thing for me was the lack of remorse, there was one apology and that came from David Darmanin not from the individual himself, I don't know what to say about that, because there was never any question about "did the gentleman do this?", it was accepted and David came along to disagree with that, but to just say, can you reduce the severity of the decision?"

*Mariella Marinkovic (Director of HR International):* Ġejt involuta billi l-assistenta tiegħi, Melanie Seychell infurmatni li Dermen Galea li huwa l-Head tar-roller room ... xtaq illi jifhem daqsxejn iżjed fuq x'kien ġara lil wiper partikolari fis-sezzjoni tiegħu. Dermen ġie fl-uffiċċju ... Dermen ċempel lil Brian u ftiehem ma' Brian biex jiġi ... on site ... iltqajna miegħu jiena u Dermen ... Dermen staqsa lil Brian "Isma' Brian, dal-

wiper missejtu? Għamiltlu xi ħaġa? U qallu "iva, jiena daħħaltu mill-produzzjoni, minn fejn kien lest jitla' fuq il-production, erġajt daħħaltu lura fir-roller room." Dermen imbagħad qallu, "iċċekkjajt dan il-wiper?" qallu, "iva, iċċekkjajtu imma kemm missejtu", u uriena b'subgħajh illi qed jagħfas b'idejh".

***TRATTAZZJONI (Sintesi)***

L-Avv. Karl Briffa għas-soċjetà Crane Currency Malta Ltd beda billi qal li din il-kawża hija pjuttost sempliċi. Is-Sur Brian Buttigieg kien jaħdem fir-roller room. Bejn id-9 ta' Ġunju u l-11 ta' Ġunju, 2021 ġraw sensiela ta' avvenimenti. Ġara li s-Sur Buttigieg, waqt li kien xogħol fid-9 ta' Ġunju ra li r-roller 2 ma kienx kif suppost. Sejjaħ lil ta' fuqu, is-Sur Dermen Galea u b'mod virtwali *[recte: viżwali]* qallu jidher li għandek raġun. L-għada filgħodu s-Sur Galea għamel verifika mhux viżwali iżda bl-istrument kif suppost u ra li dan kien within il-parametri jew l-istandards u ddeċieda li dan jista' joħroġ għall-produzzjoni. Fix-shift immedjatament wara, anzi ħames minuti qabel ma beda x-shift, daħal fil-post tax-xogħol u mingħajr ħadd ma tah struzzjonijiet jew awtorità ġibdu lura u daħħlu fir-roller room. Hemm il-footage li ġie esebit fejn it-taparsi iċċekkjar tiegħu jidher ċar illi he is tampering with it. Għaddew ftit minuti u bagħat email lil kulħadd fejn qalilhom li ma jaqbilx ma' Dermen Galea. Ir-roller mhux tajjeb għall-produzzjoni u daħħaltu lura u waqqaftu.

Meta mar lura Dermen Galea l-għada u vverifika sab illi dak li kien ivverifika fl-10 ta' Ġunju u dak li sab fil-11 ta' Ġunju meta reġa' daħħal l-istrument biex jiċċekkja, kien hemm varjanza, u dik il-varjanza minn fejn ġiet? Ġiet proprju minn dak it-tampering li seħħ fil-ġurnata ta' qabel. Ir-rikorrenti kien ilu tliet snin mal-kumpannija, kien irċieva żgur training u kien ilu tmien snin qabel ma' De La Rue jagħmel l-istess xogħol. Il-footage se jurik illi meta daħħlu lura kien fil-ħamsa u erbgħin minuta. Meta kien qed ibagħbas kien eżattament wara qabel is-sitta. U meta effettivament ġie x-shift leader biex jiċċekkja kien is-2.52 minuta ta' filgħodu tal-għada għax ix-xhift kien mil-lejl għal filgħodu. Fuq livell ta' beyond reasonable doubt illi qegħdin nuru illi dak li effettivament seħħ fuq dak ir-roller kien l-azzjoni tar-rikorrent.

Għandek sitwazzjoni fejn għandek filli qed jipprova jikkwestjona dak illi qed jgħid is-superjur tiegħu. Għandek is-sitwazzjoni illi ried kważi, forsi qed nuża kelma iebsa, ried ipattihielu, ried iġibu illi dana ma kienx jaf x'inhu jagħmel is-superjur tiegħu għaliex kellu dak in-note in file. Iċ-Chairman diġà rah il-footage imma mistieden li jerġa' jarah. L-azzjoni li qed jagħmel huwa evidenti li mhuwiex ta' inti ddaħħal xi ħaġa u ħriġtha. Imma li qiegħed jidħol u qed jagħti bi sforz u dana jista' jiġi verifikat mhux bl-azzjoni ta' ħaddieħor imma bl-azzjoni tiegħu stess għax il-footage ħa ssib sitwazzjoni ta' kif kien ivverifika roller f'sitwazzjonijiet oħra. L-Avv. Karl Briffa irrefera għal parti żgħira

mix-xhieda tas-Sur Scott li kien iddeċieda l-appell, illi qal minkejja l-appell kollu, dan l-appell kien ibbażat proprju għax id-deċiżjoni kienet 'too harsh'.

L-Avv. Christopher Vella għar-rikorrent: Hawn qed nitkellmu dwar individwu li b'kollox kellu ħdax-il sena esperjenza f'din l-industrija, erba' snin minnhom mal-Crane Currency u f'dawn is-snin kollha ma qalax imqar warning waħda. Il-memo-to-file li rrefera għaliha l-kollega tiegħi, pressapoco xahar u nofs qabel ma kinitx xi forma ta' 'warning'. Anzi l-memo stess tgħidlek li "this does not constitute a verbal or written warning". Forsi huwa każ sempliċi għall-kollega, però għal Brian Buttigieg ma kienx sempliċi. Ir-rikorrent tkeċċa kiesaħ u biered wara erba' snin jaħdem ma' Crane Currency. Il-kumpannija marret għall-miżura estrema, li jitkeċċa there and then on the spot dak il-ħin. U mhux li jingħata ċans ieħor. Il-verità hi li Brian Buttigieg irrealizza li kien hemm dan il-wiper li kien difettuż u għax huwa responsabbli rraporta lis-superjur tiegħu Dermen Galea. Is-sabiħa hi li Dermen Galea meta ġibidlu l-attenzjoni fuq dan il-wiper qallu "iva għandek raġun, vera difettuż". Ma kkontradixxiehx. Iżda l-għada Dermen Galea ddeċieda li jibdel id-deċiżjoni tiegħu u l-wiper li qabel ma kienx tajjeb, issa f'daqqa waħda sar tajjeb, meta r-realtà hi li ma kienx hemm direzzjoni ċara ta' dawn il-wipers kif għandhom ikunu safejn huma aċċettabbli ... Mela f'wiċċu qallu aċċettabbli, by email quddiem sħabu qallu "le", mhuwiex aċċettabbli ... bil-kontra, huwa aċċettabbli. L-għada, ir-rikorrent reġa' ċċekkjah biex jara għalfejn dak li kien ħażin sar tajjeb. U hawnhekk donnu fejn qam kollox. Kien hawn fejn saret l-allegazzjoni li kienet saret ħsara volontarja fuq il-proprjetà tal-kumpannija ... li hawnhekk ir-rikorrent ġie sospiż, saru l-proċeduri u keċċewh u hawnhekk instemgħet b'uħud mix-xhieda, li donnu għax Dermen Galea ma kienx ġentili biżżejjed ma' dan il-wiper, donnu uża xi aggressività żejda għalhekk tkeċċa Brian Buttigieg.

Dermen Galea u Ray Zammit jikkonfermaw li anke huma għamlu xi interventi fuq dan il-wiper mingħajr ma għajjtu lil Brian biex jattendi. U kien hawn fejn qalu lil Brian, isma' dan il-wiper mhuwiex bħal ma kien ilbieraħ. Ħareġ ċar li r-roller room fejn ikun hemm dawn il-wipers ma tkunx dejjem mgħassa. L-istess Marinella Marcovic *[recte: Mariella Marinkovic]* xehdet li m'hemmx bieb li jista' jissakkar, iżda hemm ċinga. Seta' kien hemm intervent minn xi individwi oħrajn li forsi riedu ħsara lil Brian. Ir-rikorrent qatt ma ammetta li hu għamel xi ħsara fuq il-proprjetà tal-kumpannija u dan ġie kkonfermat minn Dermen Galea li fil-kontro-eżami tiegħu ħass li kellu jitlob li jiġi kkorreġut.

Saret anke allegazzjoni li s-Sur David Darmanin qal li Brian Buttigieg kien maħruq. L-Avv. Christopher Vella qal "ma rajtha tirriżulta minn imkien mill-provi. Nispera, kompla l-Avukat, li ma kinitx dik il-kelma li wasslet għat-tkeċċija".

Tul il-proċeduri ħareġ ċar għalfejn ir-rikorrent kellu bżonn jagħmel it-testing fuq il-wiper. L-ewwel u qabel xejn għax standard operating procedures ma jeżistux. Mela fuq din l-azzjoni li keċċejna individwu, ma teżistix standard operating procedure li tgħidlu, isma' b'dan il-mod. Qalulna diversi xhieda li ma jeżistux standard operating procedures. Training dwar dan il-punt, ma ngħatax lanqas lil Brian Buttigieg. Ħafna drabi, l-operators ikunu fuq il-lant tax-xogħol waħedhom.

Dwar il-footage, l-interpretazzjoni tal-kumpannija hija li dak il-footage juri li qiegħda ssir ħsara. L-interpretazzjoni ta' din in-naħa ovvjament hija l-kontra. Hija li dak kien parti mit-testing, li kien qed jagħmel. Ma kien xejn differenti mill-bqija. Ma kien hemm l-ebda intenzjoni li b'xi mod issir xi forma ta' ħsara. Is-Sur Buttigieg kien jaf bil-cameras u għalhekk ma kienx ser imur taħt il-camera li jaf li qiegħda hemmhekk. Fl-aħħar mill-aħħar, il-footage qed jiġi użat bħala l-prova reġina sabiex ngħidu li dan l-individwu kellu l-intenzjoni li jagħmel il-ħsara u uża forza eċċessiva. Jiena rajtu l-footage u mhuwiex bl-ebda mod ta' persuna li donnu tilef il-boxxla u ried jagħmel ħsara lill-kumpannija. Peccato, jekk naslu f'sitwazzjoni li persuna niddeċiedu li nkeċċuh jew le skont kemm juri rimors, skont kemm jibki quddiemna, skont kemm hu juri biki tal-kukkudrilli. Is-Sur Brian Buttigieg ma kellux għalfejn juri xi forma ta' rimors.

Ta' min isemmi l-fatt li għal xi raġuni Mr. Ray Zammit, li kkonferma hawnhekk li ħa d-deċiżjoni hu tal-ewwel bord, kien preżenti ukoll għall-proċeduri tal-appell. X'inhi r-raġuni li Ray Zammit kien fil-kamra sabiex jisma' l-appell. Ironikament John Scott jiftaħ ix-xhieda tiegħu billi jgħidilna kemm huwa persuna esperjenzat u li huwa a world expert in the field, imbagħad meta mistoqsi l-preżenza ta' Ray Zammit hemmhekk, qal għax kelli bżonn l-assistenza teknika. Meta John Scott ġie mistoqsi wkoll għala iddeċieda hekk, qal to support the action taken by the first disciplinary proceeding.

L-Avv. Karl Briffa qajjem xi ftit punti. "Id-difiża hija, nipprova inħawwad biex nikkumplikaw". Il-wiper ġie ddikjarat tajjeb. Is-superjur iddikjarah tajjeb. Ma kien hemm l-ebda ħtieġa illi jerġa' jinġibed lura. Is-Sur Brian Buttigieg m'għandux l-awtorità li hu jmur u jġibha lura mill-produzzjoni, ħaġa li ġiet iddikjarata tajba mis-superjuri tiegħu. Ray Zammit qal li f'40 sena, dik qatt ma ġrat. Qatt ma ġrat li persuna fir-roller room jaqbad u joħroġ u jġib il-wiper mill-produzzjoni. Fuq insistenza ta' Dr. Critien kienu ġew esebiti noti ta' Ray Zammit li ħa dakinhar waqt is-seduta u waħda jgħid hekk, "After some discussion similar to the first meeting held, David said that he does not need to see the footage and that yes Brian used excessive force with wiper and he was angry "maħruq". Dan tempo vergine inkiteb. Dwar il-preżenza ta' Ray Zammit fit-tieni bord, jidher ċar li ma ħax u ma tax direzzjoni. Kien hemm biss

biex jintalab x'seta' kien hemm bżonn fir-rigward ta' dak li ġara fl-ewwel bord u jew assistenza teknika, id-deċiżjoni ttieħdet mis-Sur Scott. Ma setax tqajjem oġġezzjoni dak il-ħin? Dik taffettwa d-deċiżjoni finali tal-appell?"

L-Avv. Christopher Vella: Jiena punt wieħed għar-rigward tar-referenza li saret għan-noti ta' Ray Zammit. Dawn mhumiex minuti li ra Brian Buttigieg jew ir-rappreżentant tiegħu u qabel magħhom u fuq kollox mhumiex minuti li ġew iffirmati. Ma nistgħux nistrieħu fuq noti ta' xhud li tela' hawnhekk u ddeċieda li jippreżentahom meta kienu bdew imbagħad inbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

***KUNSIDERAZZJONIJIET***

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan għamlu billi analizza fid-dettall il-fatti kif joħorġu mill-provi u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajma matul dan il-proċess u kif riskontrat mix-xhieda, id-dokumenti sottomessi mill-partijiet u l-bqija tal-evidenza.*

*It-Tribunal josserva li jrid jiġi evalwat jekk ir-rikorrenti, fil-kwadru tal-provi miġjuba, kienx jimmerita jew le terminazzjoni tal-impjieg mill-kumpannija intimata.*

*It-Tribunal qies bir-reqqa l-provi miġjuba u m'għandu ebda dubbju illi dawn jikkonfermaw il-verżjoni tal-kumpannija intimata. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrent naqas bil-kbir fil-konfront tas-soċjetà intimata bil-mod ta' kif ikkomporta ruħhu fil-każ li jinvolvi il-"wiper 2". Mill-assjem tal-provi miġjuba joħroġ b'mod ċar l-aġir tar-rikorrent u anki l-mod ta' kif ipprova jiżvijja r-responsabbilità tiegħu fir-rigward. Fil-fehma tat-Tribunal dan, se mai, ikompli jżid mas-serjetà tal-każ u ma jistax iservi ta' attenwanti. Madanakollu, il-fatti tal-każ huma diġà serji fihom infushom. F'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax ma jagħmilx aċċenn fuq dak li xehed is-Sur John Scott fir-rigward tal-konsegwenzi tal-każ fuq il-kumpannija intimata meta qal:* "I mean the severity of it, the impact of it, the potential cost to the business of it is major". *It-Tribunal huwa konvint li dan huwa minnu.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant meħuda ċ-ċirkustanzi tal-każ kif ippruvati fit-totalità tagħhom, dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet waħda ġusta."*

## **L-Appell**

8. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fis-26 ta' April, 2023, huwa talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tibdel id-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet premessi, billi tilqa' t-talbiet tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nieqsa minn kull forma ta' motivazzjoni, għaliex id-deċiżjoni tikkonsisti biss f'paragrafu wieħed. Qal li wara li ngħatat id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu, għadu mhux ċar f'moħħu b'liema mod huwa naqas fil-konfront tal-kumpannija, meta kien hu li ġibed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu għad-difett li kellha l-*wiper* in kwistjoni. Qal li għalhekk it-Tribunal ma kellux jikkonkludi li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda ġustifikata. Spjega li huwa kien qabel mas-superjur tiegħu Dermen Galea li l-*wiper* in kwistjoni kellha difett, u li huwa evidenti li ħadd ma ta kas tal-*istandard operating procedure* tal-kumpannija dwar il-kundizzjoni li għandha tkun il-*wiper,* u fin-nuqqas ta' dan kien inħolqot konfużjoni dwar jekk il-*wiper* kienitx f'kundizzjoni tajba jew le, u kien għalhekk li Dermen Galea bidel id-deċiżjoni tiegħu minn ġurnata għall-oħra. Qal li dawn l-affarijiet ma ġewx ikkunsidrati mit-Tribunal, u għalhekk huwa m'għandux is-serħan il-moħħ meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju kien wieħed ġust u li jirrifletti l-fatti kollha ta' dan il-każ. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

10. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-konklużjoni tat-Tribunal hija waħda li ma tirriżultax mill-provi. Qal li t-Tribunal qies is-severità tal-każ abbażi

tal-istqarrija ta' John Scott, minkejja li din hija ppernjata fuq *potential cost* u mhijiex manifestazzjoni tal-ispiża attwali li ġiet imġarrba. Qal li ma ngabet l-ebda prova dwar jekk l-ispiża hijiex attwali jew potenzjali, u minkejja dan, it-Tribunal uża din l-istqarrija sabiex jasal għall-konklużjoni tiegħu. Żied jgħid li l-oneru tal-prova mistenni minnu kien wieħed għoli ferm, iżda l-oneru tal-prova għas-soċjetà appellata kien baxx u jikkonsisti f'sempliċi stqarrija mingħajr ebda forma ta' komputazzjoni jew prova dokumentarja, u dan kollu lilu poġġieh fl-impossibilità li jikkonvinċi lit-Tribunal li l-kawża tiegħu hija waħda ġusta.

11. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal ma ħa l-ebda konsiderazzjoni tal-fatt li tul l-impjieg tiegħu, ir-rikorrent qatt ma ngħata *warnings,* u minkejja dan, is-soċjetà appellata għaddiet sabiex wara proċeduri dixxiplinarji titterminalu l-impjieg fuq bażi dixxiplinarja. Spjega li t-Tribunal ma qiesx dan kollu fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, u l-unika materja ta' import għat-Tribunal kienet il-*potential cost* tal-azzjonijiet tal-appellant. L-appellant qal li minkejja li s-soċjetà appellata ppruvat tagħti l-impressjoni li huwa kien ingħata *warning,* kien hemm biss '*memo to file',* li t-test tiegħu jagħmilha ċara li dan m'għandux jiġi kkunsidrat bħala twissija verbali jew bil-miktub, u dan kien sejjer jinżamm fir-*records* tal-appellant għal żmien ta' sitt xhur. Qal li minkejja dan, is-soċjetà appellata xorta waħda għaddiet sabiex titterminalu l-impjieg.

12. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-proċeduri ta' dixxiplina li saru quddiem il-bord tad-dixxiplina tas-soċjetà intimata, huma proċeduralment ivvizzjati u għalhekk għandhom jitqiesu li huma nulli. L-appellant qal li l-ewwel proċeduri ta' dixxiplina ġew deċiżi minn Ray Zammit li kien ukoll wieħed mix-xhieda fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Żied

jgħid li dan ġie kkonfermat minn John Scott u minn Raymond Zammit innifsu, u Raymond Zammit kien preżenti anki waqt l-appell mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza. L-appellant qal li meta ġie mistoqsi dwar dan, John Scott qal li kien hu li talab lil Ray Zammit ikun preżenti sabiex jipprovdilu assistenza teknika, u għalhekk għandu jitqies li Ray Zammit kien involut fil-proċeduri tal- appell li saru mis-soċjetà intimata, u kellu influwenza fuq id-deċiżjoni mogħtija fl-appell. Qal ukoll li l-prinċipji ta' ġustizzja soċjali u l-prinċipji bażiċi tal-liġi amministrattiva, jitolbu li persuna li tkun iddeċidiet fuq kwistjoni partikolari, ma terġax tkun hi li tiddeċiedi, jew tkun involuta fid-deċiżjoni maħsuba biex isservi ta' reviżjoni minn dik id-deċiżjoni. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn John Scott, li qal li d-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellant jiġi tterminat ittieħdet minn Ray Zammit, u fl-appell huwa (Scott) appoġġja d-deċiżjoni li kienet ittieħdet. Qal li għalhekk dan ix-xhud ikkonferma li d-deċiżjoni li ta fi stadju ta' appell kienet maħsuba "*to support the action*", u din ma kinitx intiża biex isservi bħala reviżjoni indipendenti, iżda biss biex tikkonferma d-deċiżjoni ta' Ray Zammit. Kompla jgħid li Ray Zammit kien ukoll preżenti għal dawn il-proċeduri, kuntrarjament għall-proċeduri ta' appell oħrajn li huma strettament maħsuba biex iservu ta' reviżjoni indipendenti. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-appell ma setgħetx tkun indipendenti għaliex ittieħdet mill-persuna li kienet qiegħda tiġi assistita mill-persuna li ħadet l-ewwel deċiżjoni. Qal li dan il-punt ma ġiex dibattut mit-Tribunal, u lanqas ma jinkwadra ruħu fid-deċiżjoni tiegħu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

13. Is-soċjetà appellata wieġbet li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa bbażat fuq asserzjoni żbaljata, u huwa msejjes fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza eżistenti dwar din il-materja. Qalet li hija taqbel mal-appellant meta dan jgħid li kull sentenza jew deċiżjoni li tingħata minn awtorità ġudizzjarja, għandha tkun motivata b'raġunijiet li juru kif din l-istess awtorità ġudizzjarja waslet għad-deċiżjoni tagħha. Qalet li però hija ma tistax taqbel mal-insinwazzjoni li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-motivazzjoni jew li din mhijiex suffiċjentement immotivata. Qalet li dak li huwa meħtieġ huwa li l-awtorità ġudizzjarja tagħti r-raġuni li fuqha tkun qiegħda tibbaża d-deċiżjoni tagħha, u li din ir-raġuni tkun turi li l-awtorità ġudizzjarja fehmet in-natura tal-vertenza in kwistjoni u tkun daħlet fil-mertu tat-talba u l-eċċezzjonijiet magħmula mill-partijiet. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-ġurisprudenza fejn il-Qrati rrikonoxxew u għamlu distinzjoni bejn sentenzi li ma jkunux dettaljati, imma li xorta waħda juru li l-awtorità ġudizzjarja tkun apprezzat in-natura tal-vertenza li jkollha quddiemha u tal-provi u l-argumenti prodotti mill-partijiet, u sentenzi oħra li ma jagħmlux aċċenn għan-natura tal-proċediment u l-provi, u li ma jagħtu l-ebda konfort lill-partijiet li l-proċess ġudizzjarju ġie segwit u osservat skont ir-rekwiżiti proċedurali relattivi. Qalet li d-deċiżjoni appellata ma taqax f'din l-aħħar kategorija, għaliex hija deċiżjoni li tixhed li t-Tribunal apprezza d-dover tiegħu in vista tal-kawża mressqa għall-ġudizzju tiegħu, u wasal għal konklużjoni abbażi tal-evidenza prodotta u tal-argumenti legali u fattwali li saru miż-żewġ naħat. Kompliet tgħid li minkejja li tressqu xhieda u evidenza estensivi, dawn kienu fil-parti l-kbira tagħhom

prodotti minnha, u dan sabiex it-Tribunal ingħata sfond ħolistiku u komprensiv tal-fatti pertinenti għall-kawża odjerna. Qalet li minn perspettiva legali, it-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tagħha li tkeċċi lill-appellant abbażi ta' *gross misconduct,* kinitx waħda ġusta f'għajnejn il-liġi jew le, u li minn perspettiva fattwali, it-Tribunal kellu effettivament jara u jiddeċiedi jekk l-apprezzament tal-fatti li sar minnha, u li eventwalment wassal għat-tkeċċija tal-impjegat minn magħha, kienx wieħed korrett.

14. Is-soċjetà appellata qalet li l-konklużjoni tagħha kienet li l-appellant deliberatament mar kontra ordni tas-superjur tiegħu, u konsegwentement ikkawża ħsara fuq il-*wiper* relattiva, apparat li huwa imperattiv għall-operat tagħha. Qalet li din hija konklużjoni li, kif sostna t-Tribunal, kienet konfortata mill-provi li hija kellha f'idejha, u s-CCTV *footage* miġbud għandu jitqies bħala l-prova reġina tal-azzjonijiet deliberati u mhux skużabbli tal-appelant. Qalet li dan oltre evidenza oħra li tissostanzja u tikkonferma l-*forma mentis* tal-appellant meta kkaġuna ħsara fuq il-*wiper,* u l-gravità tal-azzjonijiet tiegħu. Qalet li l-appellant jinnega li kkaġuna xi forma ta' ħsara fuq il-*wiper* b'mod intenzjonat, u jsostni li huwa kien qiegħed biss jiċċekkja l-*wiper,* kif kien jagħmel abitwalment. Qalet li dan huwa każ tipiku ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti, iżda huwa r-rwol tal-awtorità ġudizzjarja li tifli l-evidenza prodotta u tevalwa l-verżjonijiet rispettivi ppreżentati miż-żewġ naħat abbażi ta' din l-evidenza, sabiex tiddetermina liema verżjoni hija l-aktar waħda kredibbli u konfortata bil-provi. Kompliet tgħid li għalhekk ir-rwol tat-Tribunal kien li jiddetermina jekk il-verżjoni tal-appellant kinitx aktar kredibbli minn dik mogħtija minnha. Qalet li wara li t-Tribunal ta rendikont komprensiv u estensiv tal-provi kolha mressqa

f'dawn il-proċeduri, u għamilha ċara li kien ikkonsidra l-provi kollha, qies ukoll li dawn il-provi bla dubju jikkonfermaw il-verżjoni tas-soċjetà appellata. Kompliet tgħid li permezz ta' din il-konsiderazzjoni waħedha, il-partijiet ingħataw is-serħan il-moħħ meħtieġ li t-Tribunal fehem in-natura tal-provvediment ġudizzjarju suġġett għall-ġudizzju tiegħu, apprezza d-diverġenza fil-verżjonijiet ippreżentati mill-partijiet, fela l-provi, u imbagħad wasal għall-konklużjoni tiegħu wara li evalwa n-natura tal-vertenza. Qalet li t-Tribunal ma waqafx hawn, iżda fid-deċiżjoni tiegħu ikkjarifika li l-fattur deċiżiv wara din il-konklużjoni kien il-mod ta' kif l-appellant ikkomporta ruħhu fir-rigward ta' *wiper 2,* li kien l-inċident li wassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant minn mas-soċjetà appellata. Kompliet tgħid li konsiderazzjoni oħra tat-Tribunal kienet il-gravità tal-imġiba tal-appellant, u l-estremità tad-deċiżjoni tas-soċjetà appellata fid-dawl tal-istess. Qalet li jkun tajjeb li tinfetaħ parentesi sabiex jiġi ppreċiżat li l-appellant qatt ma ilmenta li d-deċiżjoni biex jiġi tterminat l-impjieg tiegħu kienet sproporzjonata in vista tal-azzjonijiet tiegħu bir-rikors promutur tiegħu, u l-ilment tiegħu kien li huwa qatt ma kkaġuna ħsara fuq il-*wiper* relattiva, u huwa aġixxa b'mod eżemplari f'dan l-inċident.

15. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal Industrijali bid-deċiżjoni tiegħu wera li kien sodisfatt li l-azzjonijiet tal-appellant kienu serji biżżejjed biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tas-soċjetà appellata biex jiġi tterminat l-impjieg tiegħu, u anki jagħmel riferimenti diretti għall-provi in sostenn ta' din il-konklużjoni. Qalet li għalhekk hija ma tistax tifhem għalfejn l-appellant jgħid li huwa ma fehemx għal liema raġuni u b'liema mod it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu, meta t-Tribunal għamilha ċara li kien qies li l-verżjoni tas-

soċjetà appellata hija ferm aktar kredibbli minn dik tal-appellant, fid-dawl tal-provi prodotti u tal-gravità tal-azzjonijiet tal-appellant. Is-soċjetà appellata kompliet tgħid li filwaqt li l-appellant isostni li huwa jinsab konfuż għaliex ġie kkastigat wara li kien ġibed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu għall-fatt li l-*wiper* relattiva kienet difettuża, l-appellant ma ġiex ikkastigat minħabba f'hekk, iżda l-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu ttieħdu meta huwa kkaġuna ħsara fuq il-*wiper* deliberatament. Qalet ukoll li dan l-aggravju jolqot l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, u għalhekk dan mhuwiex argument li jista' jitqajjem quddiem din il-Qorti tal-Appell *ai termini* tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet ukoll li fit-tieni lok, l-appellant jallega li ma ngħatat l-ebda konsiderazzjoni lill-i*standard operating procedure,* dwar il-kundizzjoni li għandha tkun fiha l-*wiper*, u f'dan ir-rigward għandu jingħad li l-appellant mar direttament kontra l-ordni tas-superjur tiegħu, li proprju fix-xhur li ppreċedew dan l-inċident kien bagħat *email* dwar fejn spjega u ċċara l-protokoll li kellu jiġi segwit sabiex jiġi vverifikat jekk il-*wiper* hijiex tajba għall-produzzjoni jew le. Kompliet tgħid li għalhekk fil-fehma tagħha dan l-aggravju huwa infondat, u għandu jiġi skartat minn din il-Qorti. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li f'każ li din il-Qorti tgħaddi biex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, m'għandhiex tkun din il-Qorti li tiddeċiedi dwar il-mertu, iżda din il-Qorti għandha tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex dan jagħti deċiżjoni bil-motivazzjoni meħtieġa skont il-liġi.

16. B'riferiment għat-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji mressqa mill-appellant, is-soċjetà appellata qalet li dawn huma aggravji li jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, u għalhekk mhumiex imsejsa fuq punt ta' liġi kif jirrikjedi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà appellata

qalet li din il-Qorti tal-Appell għandha tapprezza x-xewqat tal-leġislatur kull fejn ippermetta appell biss fuq punt ta’ liġi, u m’għandhiex tmur oltre l-parametri stabbiliti f’dan is-sens billi tissindika jew tirrevedi l-apprezzament tal-provi li sar fil-prim’istanza. Qalet li dan huwa każ li jikkonċerna tkeċċija inġusta mill-impjieg, u għalhekk il-konklużjonijiet tat-Tribunal jiċċentraw kważi unikament fuq l-apprezzament tal-provi prodotti, u l-kredibbilità *o meno* tal-verżjonijiet ippreżentati mill-partijiet. Is-soċjetà appellata qalet li t-tieni aggravju, fejn l-appellant jgħid li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal, imur ferm oltre l-kompetenza ta’ din il-Qorti tal-Appell, għaliex il-mertu ta’ dan l-aggravju ma jikkonċerna l-ebda punt ta’ liġi. Qalet ukoll li dan l-istess raġunament japplika għat-tielet aggravju, jiġifieri dwar l-allegat nuqqas ta’ konsiderazzjonijiet għall-fatt li l-appellant qatt ma kien imwissi qabel. Is-soċjetà appellata qalet li apparti li n-nuqqas ta’ twissijiet minn qabel m’huma tal-ebda import għad-deċiżjoni li trid tingħata dwar tkeċċija mill-impjieg, irid jingħad ukoll li dan huwa aggravju msejjes fuq punti ta’ fatt.

17. B’riferiment għar-raba’ aggravju, is-soċjetà appellata ċaħdet li min-naħa tagħha kien hemm xi ksur tal-proċeduri amministrattivi jew ta’ xi prinċipji tal-ġustizzja naturali. Qalet li l-apprezzament dwar jekk l-appellant iffaċċjax proċeduri ġusti matul il-proċess dixxiplinarju, hija waħda mill-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal kellu jqis fl-apprezzament tal-fatti sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar l-ilment quddiemu, u għalhekk dan jaqa’ fl-ambitu ta’ apprezzament ta’ fatt u mhux kwistjoni ta’ liġi.

18. Minkejja li ssollevat in-nullità ta’ dawn it-tliet aggravji mressqa mill-appellant, is-soċjetà appellata għamlet ukoll numru ta’ sottomissjonijiet fil-

mertu dwar dak allegat mill-appellant. B'riferiment għat-tieni aggravju tiegħu, is-soċjetà appellata qalet li dan huwa msejjes fuq il-premessa żbaljata li d-deċiżjoni appellata hija bbażata unikament fuq it-testimonjanza ta' John Scott, u huwa ċar li din ix-xhieda kienet biss waħda mill-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Kompliet tgħid li filwaqt li l-appellant jinsinwa li x-xhieda ta' Scott għandha tiġi skartata għaliex m'hemmx provi li jissostanzjaw l-istqarrija tiegħu, għandu jiġi mfakkar li t-testimonjanza ta' xhud tikkostitwixxi prova fiha nnifisha. Qalet li din ix-xhieda kienet konformi ma' dak li qalu xhieda oħra li xehdu f'dawn il-proċeduri, u fl-ebda waqt ma kienet kontradetta mill-appellant.

19. Qalet li għandu jirriżulta b'mod ċar li t-Tribunal ikkonsidra l-provi kollha prodotti, u dan wasal għall-konklużjoni li hija s-soċjetà appellata li għandha titwemmen. Qalet li huwa biss wara li għamel diversi konsiderazzjonijiet oħra li t-Tribunal irrefera għax-xhieda ta' Scott, u qal li din hija biss waħda mill-konsiderazzjonijiet li għamel sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Kompliet tgħid li dan l-aggravju joffri rappreżentazzjoni xejn preċiża tad-deċiżjoni appellata, u l-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal.

20. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li l-għoti ta' twissijiet mhux element *sine qua non* sabiex tkeċċija ta' impjegat titqies li hija valida u ġusta f'għajnejn il-liġi. Qalet li huwa ben aċċettat li f'sitwazzjonijiet ta' gravità severa, li l-prinċipal għandu dritt jittermina l-impjieg tal-impjegat b'mod immedjat, jiġifieri mingħajr twissijiet, meta t-tkomplija tar-relazzjoni lavorattiva tiġi reża impossibbli.

21. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li r-raba’ aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq premessa totalment żbaljata, jiġifieri li jeżistu sett ta’ rekwiżiti proċedurali sagrosanti li għandhom jiġu mħarsa fi proċeduri ta’ dixxiplina bħallikieku tali proċeduri huma proċedimenti quddiem il-Qrati tagħna. Żiedet tgħid li anki f’każ li kien hemm xi nuqqas ta’ ħarsien strett tar-regoli proċedurali li soltu jiġu mħarsa mill-Qrati tagħna, dan ċertament ma jammontax għan-nullità tal-proċeduri tad-dixxiplina in kwistjoni.

22. Qalet li dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi deċiż li l-proċess ta’ terminazzjoni ta’ impjieg huwa ġust, mhuwiex li jkun hemm proċedura formali li tixbaħ lill-proċeduri li jsiru quddiem il-Qrati Superjuri, iżda li jkun hemm proċess li jsegwi u jirrispetta l-proċeduri ta’ ġustizzja naturali. Qalet li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni l-appellant jgħid li l-proċeduri ta’ dixxiplina li ttieħdu fil-konfront tiegħu ma kinux ġusti skont il-liġi, għaliex il-proċess li ġie segwit huwa wieħed robust ferm u jmur oltre s-salvagwardji minimi li għandhom jiġu segwiti sabiex terminazzjoni ta’ impjieg tista’ titqies ġusta minn perspettiva proċedurali. Is-soċjetà appellata qalet li mhux biss l-appellant ingħata *charge sheet* fejn l-akkużi kontra tiegħu ġew spjegati b’mod dettaljat, imma ngħata wkoll l-opportunità li jiddefendi ruħhu f’seduta *viva voce,* ingħata d-dritt li jiġi rappreżentat minn persuna ta’ fiduċja tiegħu, u kellu wkoll id-dritt jeżamina xhieda u provi oħra, apparti li jagħmel rappreżentazzjonijiet quddiem il-Bord. Qalet li dan ma kienx biżżejjed, u l-appellant ingħata wkoll id-dritt li jappella minn din id-deċiżjoni u jinstema’ minn John Scott li jokkupa l-ogħla kariga fis-soċjetà appellata f’Malta. Qalet ukoll li l-preżenza ta’ Ray Zammit waqt is-smigħ tal-appell kienet meħtieġa sabiex ikun jista’ jwieġeb għal kull mistoqsija teknika

li setgħet titqajjem, u dan ma kien involut bl-ebda mod fid-deċiżjoni dwar l-appell. Qalet ukoll li l-fatt li Scott qal li hu appoġġja d-deċiżjoni li ttieħdet, ma kellhiex tiġi interpretata bħala ammissjoni ta' nuqqas ta' indipendenza tiegħu fl-għoti tad-deċiżjoni ta' tkeċċija. Qalet ukoll li dan il-kliem m'għandux jiġi interpretat bħala xi forma ta' *rubber stamping* tad-deċiżjoni li kienet diġà ittieħdet. Qalet li fil-fatt John Scott spjega li huwa ħa d-deċiżjoni wara li sema' l-każ tal-appellant quddiemu, u wara li ta rendikont dettaljat ta' x'kien li wasslu biex jikkonferma d-deċiżjoni appellata.

23. Is-soċjetà appellata spjegat ukoll li Ray Zammit huwa subaltern ta' John Scott, u għalhekk ma setgħetx tifhem x'tip ta' pressjoni dan seta' poġġa fuq is-superjur tiegħu. Qalet ukoll li la l-appellant u lanqas ir-rappreżentanti tal-*General Workers' Union* ma ressqu xi forma ta' oġġezzjoni għall-preżenza ta' Ray Zammit waqt is-smigħ tal-imsemmi appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellate, u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mis-soċjetà appellata. L-appellant ressaq l-appell tiegħu wara li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, li ċaħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu, u sab li l-pretensjonijiet tiegħu mhumiex ġustifikati fiċ-ċirkostanzi.

25. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu kif titlob il-liġi, u dan għaliex l-konsiderazzjonijiet

li wasslu għad-deċiżjoni appellata jinsabu kontenuti f'paragrafu wieħed tad-deċiżjoni. L-appellant jgħid li minħabba din in-nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata, huwa għadu ma jafx għal liema raġuni l-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata ġie tterminat, u li ħadd ma ta kas tal-*istandard operating procedure* li tirregola l-kundizzjoni li l-*wiper* għandha tkun fiha biex tkun tista' tintuża fuq il-linja tal-produzzjoni.

26. Il-Qorti tibda biex tirrileva li filwaqt li huwa minnu li l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal saru f'paragrafu wieħed, madanakollu dan il-paragrafu huwa preċedut minn analiżi dettaljata tal-provi u tax-xhieda kollha li tressqu fil-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, kif ukoll minn sunt tat-trattazzjoni li l-avukati difensuri tal-partijiet għamlu quddiem it-Tribunal. Il-Qorti tirrileva li huwa ċar li t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkunsidra l-fatti saljenti kollha tal-każ, id-diverġenzi fix-xhieda, u qies li l-verżjoni tas-soċjetà appellata, sorretta minn *CCTV footage* tal-inċident, fejn l-appellant wera ċertu għadab fil-mod kif ittratta l-*wiper* in kwistjoni, kienet aktar kredibbli minn dik mogħtija mill-appellant. Mhuwiex ġust li l-appellant jibqa' jinsisti, anki f'dan l-istadju, li huwa ma jafx għal liema raġuni l-impjieg tiegħu ġie tterminat, meta mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar liema kien l-inċident li wassal lis-soċjetà appellata tieħu d-deċiżjoni li tkeċċi lill-impjegat mix-xogħol, u dan għaliex l-inċident in kwistjoni irrenda l-pożizzjoni tal-appellant mhux aktar tenibbli. Hawnhekk il-Qorti tfakkar li mill-provi rriżulta li l-appellant kien responsabbli għal diversi impjegati fit-*team* tiegħu, u meta nġibdet l-attenzjoni tiegħu għall-ħsara fil-*wiper,* huwa ċaħad li kien mess il-*wiper* jew li uża forza eċċessiva fuqha, u dan meta kien hemm il-prova tas-CCTV *footage* li turi preċiżament x'kien ġara.

Il-Qorti tirrileva li ladarba ġie ċċarat x'kienu l-provi ewlenin li t-Tribunal kien qiegħed jistrieħ fuqhom sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, ma kienx hemm il-ħtieġa ta' wisq elaborazzjonijiet dwar x'kien li wassal għad-deċiżjoni tiegħu. It-Tribunal kien ċar li wara li qies il-provi kollha prodotti, irriżultalu li dak li qiegħda tgħid is-soċjetà appellata għandu mis-sewwa, u li kien l-appellant li naqas bl-kbir bil-komportament tiegħu fir-rigward tal-prinċipal tiegħu. It-Tribunal qal ukoll li huwa ma kellux għalfejn jelabora dwar il-konsegwenzi fuq is-soċjetà appellata, għaliex dawn jirriżultaw mill-ispjega mogħtija minn John Scott, li spjega l-waqfien tal-apparat li fuqu ġie kkaġunat id-dannu, x'kien ifisser f'termini ta' telf ta' xogħol għall-kumpannija in kwistjoni. Il-fatt li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal jinsabu kontenuti f'paragrafu wieħed, bl-ebda mod ma jfisser li d-deċiżjoni li ngħatat mhijiex immotivata kif suppost, għaliex it-Tribunal wera fil-kumplament tad-deċiżjoni tiegħu, li fehem sewwa l-vertenza li kellu quddiemu, u li qies dak kollu li rriżulta mill-provi prodotti mill-partijiet.

27. Ir-Regolament 12 tar-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali jistipula illi:

> "Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub u ma għandhomx jispeċifikaw bid-dettalji r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jew sentenza imma jistgħu jagħmlu riferenza għax-xhieda prinċipali li tinstema'. It-Tribunal, madanakollu, għandu jagħmilha ċara bid-deċiżjoni jew is-sentenza tiegħu illi l-argumenti kollha illi għandhom x'jaqsmu u li jitressqu miż-żewġ partijiet għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni."

28. Fil-fatt jirriżulta li dan huwa dak li għamel it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu. It-Tribunal ta sinteżi tal-fatti u tal-provi miġjuba quddiemu, għamel riferiment għax-xhieda u għat-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet

quddiemu, u finalment ta d-deċiżjoni li l-fatti kif esposti u l-provi li tressqu quddiem it-Tribunal wassluh għall-konklużjoni li kien hemm raġuni serja biżżejjed li wasslet għat-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk din il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant.

29. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid li t-Tribunal Industrijali wasal għal konklużjoni li ma tirriżultax mill-provi, u kkunsidra s-severità tal-każ abbażi tax-xhieda ta' John Scott, li spjega t-telf potenzjali għall-kumpannija minħabba l-fatt li apparat essenzjali bħal ma huwa l-*wiper 2,* ma setax jintuża wara l-ħsara kkawżata fuqu mill-appellant. Il-Qorti tirrileva li dan mhux punt ta' liġi li ddelibera dwaru t-Tribunal, iżda huwa punt ta' fatt jew mertu, li minnu ma jista' jsir l-ebda appell quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni. Għaldaqstant il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni ta' dan l-aggravju, għaliex hija prekluża milli tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi jew tal-fatti li jemerġu quddiem it-Tribunal.

30. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li huwa qatt ma ngħata twissijiet oħra qabel l-ittra ta' tkeċċija mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan ukoll huwa punt ta' fatt li l-Qorti hija prekluża milli tidħol fih. Il-Qorti tirrileva li la l-liġi u lanqas il-ġurisprudenza ma jeżigu li qabel persuna titkeċċa mill-impjieg, it-tkeċċija għandha tkun preċeduta minn twissijiet verbali jew bil-fomm, jekk l-aġir ta' dik il-persuna jkun gravi tant li jimmerita tkeċċija mill-ewwel. Fil-fatt din hija waħda mill-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal meta sab li d-deċiżjoni tas-soċjetà appellata li l-appellant għandu jitkeċċa mill-impjieg, hija waħda ġusta.

31. Ir-raba’ aggravju tal-appellant huwa marbut mal-proċedura adoperata mis-soċjetà appellata meta għaddiet lill-appellant minn proċeduri dixxiplinarji qabel tatu l-ittra ta’ tkeċċija. L-appellant jgħid li d-deċiżjoni li huwa għandu jitkeċċa mill-impjieg ittieħdet minn Ray Zammit, u l-istess Zammit kien preżenti waqt il-proċedura tal-appell li saret mis-soċjetà appellata. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li kull kumpannija għandha l-mod tagħha kif tieħu azzjonijiet dixxiplinarji fil-konfront tal-impjegati tagħha. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-appellant ingħata *charge sheet* bl-‘akkużi’ li kienu qegħdin jinġabu fil-konfront tiegħu, ingħata l-opportunità li jinstema’, kien rappreżentat minn rappreżentant jew delegat tal-*union* illi huwa membru tagħha, ingħata ċ-ċans li jevalwa l-provi, inkluż il-*footage* tas-CCTV li wassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u kellu wkoll l-opportunità li jappella mid-deċiżjoni li ngħatat. Is-soċjetà appellata spjegat li mhuwiex minnu li d-deċiżjoni tal-appell kienet b’xi mod influwenzata minn Ray Zammit, li oriġinarjament kien ħa d-deċiżjoni li l-appellant għandu jitkeċċa mill-impjieg, u minkejja li Zammit kien preżenti għas-smigħ tal-appell, il-preżenza tiegħu kienet meħtieġa biss għal raġunijiet tekniċi, u mhux biex jagħti xi kontribut għad-deċiżjoni li eventwalment kellha tittieħed. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda mankanza proċedurali li timmerita ċ-ċensura ta’ din il-Qorti, u li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipji ta’ ġustizzja naturali fit-teħid tad-deċiżjoni li huwa għandu jitkeċċa mill-impjieg. Il-Qorti tinsab sodisfatta li t-Tribunal f’dan il-każ għamel il-konsiderazzjonijiet li kellu jagħmel sabiex wasal għad-deċiżjoni li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg saret għal raġuni ġustifikata u xierqa fiċ-ċirkostanza tal-każ.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**